TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Carmelo Cutajar**

**vs**

**Be Independent Limited**

**CCT 26/20/MS**

**30 ta' Lulju 2020**

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Frar 2020 fejn talab is-somma ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400), prezz ta' *scooter* mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema *scooter* zviluppa problema fil-batterija wara seba xhur ta' uzu u ma bediex izomm ic-*charge* kif suppost.

Ra r-risposta ta' Edward Tanti ghan-nom tas-socjeta' intimata, fejn cahad it-talba tar-rikorrent u stqarr illi l-hin ta' kemm iddum il-batterija tiddependi mill-mod kif tigi uzata u ccargjata l-batterija; illi hu kien avza lir-rikorrent fuq il-batterija u pprovdielu letteratura *(manual)* fuq kif ghandu jiehu hsieb il-batterija; huwa personalment mar jiccekja l-*iscooter* u l-batterija tar-rikorrent u sab illi kollox kien qed jiffunzjona kif suppost.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-5 ta' April 2019, ir-rikorrent xtara *scooter* minghand l-intimat ghal prezz ta' €1,400. Ghamel uzu minnu ghal seba' xhur minghajr problemi fejn kien jigri bih kuljum. Wara seba' xhur ma bediex izzomm ic-*charge* kif suppost ghaliex wara li kien immur sal-pjazza darbtejn jew tlett darbiet (xi 10 km), kien ikollu jerga' jiccargjah, fejn qabel kien jaghmel mat-23km. Skond hu, il-hin sakemm il-batterja tinhela u anke l-hin biex ticcargja ma jaqbel xejn ma dak deskritt fil-*manual.* Ir-rikorrent esebixxa parti mill-*manual* illi nghata mill-intimat u ghamel referenza ghal klawzola 8 u 9:

*Depending on the depth of the discharge, the minimum time taken to recharge serviceable batteries fully will vary up to 12 hours. Please note that this time may increase as batteries get older. During periods without use it is wise to charge the batteries every 4 to 6 weeks.*

*For the best results your batteries must be cycled for their first 10 - 15 charges. this means run them down as much as you* ***safely*** *(emfazi tat-Tribunal) can in use and then give them a full charge. They will not work at their best until this process has been carried out.*

*You will find that the distance that your scooter can travel will gradually increase over the first few weeks of use as the batteries reach their optimim efficiency after approximately 12 cycles of discharge and recharge.*

Ir-rikorrent ighid illi l-ewwel darba il-batterija damet biss erba sighat u nofs biex ticcargja u li illum ddum an~~ke tlett~~ sighat. Cahad pero' li qatt damet tnax - il si~~egha u i~~ghid illi gara bil-kontra ta' dak indikat fil-*manual* ghaliex minflok *maximum efficiency* beda jimmajna u mar ghal aghar. Ilmenta wkoll fuq it-tip ta' batterija li nghata, fejn dan huwa acid battery. Ir-rikorrent qal ukoll li l-*iscooter* ilu ghandu sena u tlett xhur, ghadu juzah kuljum u jjiccargjah tlett darbiet jew erba' fil-gimgha - darba iva u darba le.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat Edward Tanti filwaqt li kkonferma li r-rikorrent kien xtara *scooter* minghandu, spjega illi hemm tliet tipi ta' *scooters* u li tnejn minnhom huma indikati fuq il-*manual* li esebixxa r-rikorrent. Spjega wkoll illi r-rikorrent kien ghazel *top of the range scooter* (Zplus), attrezat b'hafna extras u li kellu batterija iktar b'sahhitha mill-ohrajn. Ikkonferma illi r-rikorrent kien ilmenta mieghu li l-*iscooter* ma kienx jahdem kif suppost u li mar ghandu personalment biex jiccekjah, fejn sab li kien qed jahdem perfettament - kemm l-*iscooter* kif ukoll il-batterija. Skond l-intimat jekk il-batterija tkun hziena, il-vultagg jaqa' mentri f'dan il-kaz kien qed izzommu sew. Spjega li d-*duration* ta' kemm idum jigri scooter tiddependi hafna fuq diversi fatturi - il-piz ta' dak li jkun, jekk jitla' tlajja, distanza u l-mod kif il-batterija tigi ccargjata (ta' spiss/ meta tkun ghadha *half way* ecc). Ikkonkluda illi *life-span* ta' batterija huwa ta' xi erba' snin u li jekk hemm problemi fil-batterija, dan jigri meta l-batterija ma tigix iccargjata kif suppost bhal meta wiehed jiccargjaha meta tkun ghadha nofsha bic-charge.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent qed jilmenta mill-fatt illi l-batterija tieghu taqa' malajr u ma zzommx *charge* kif suppost. Jidher illi ma hemmx problema bl-*iscooter* izda bil-batterija biss u li dan zviluppa wara seba' xhur ta' uzu. Ghalkemm ir-rikorrent ghadu juza l-*iscooter* sal-gurnata tal-lum, skond hu, mill-bidu nett il-batterija qatt ma dam jiccargja iktar minn erba' jew hames sighat u zgur mhux ghal tnax - il siegha kif suppost kellu jaghmel.

Skond l-istess manual illi esebixxa r-rikorrent, jista' jaghti l-kaz illi l-batterija taqa' malajr wisq, u f'dak il-kaz ghandha tinbidel.

*Battery replacement is dependent upon use. When your batteries lose power too quickly, it is likely they need replacing.*

Mir-ricerka li ghamel it-Tribunal, il-hajja ta' batterija ta' *mobile scooter* bhal dan, iddum bejn tmintax - il xahar u sentejn f'kaz li l-iscooter jigi uzat kuljum u madwar tlett snin jew erba' f'kaz li jigi uzat xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha. Skond il-manual li esebixxa r-rikorrent, il-batterija taf tilhaq l-optimum efficiency taghha wara l-ewwel 10 jew 15 il-charge. Ir-rikorrent xehed illi fil-kaz tieghu, dan ma sarx u wara seba xhur ta' uzu il-batterija bdiet timmajna minflok izzid. Min-naha l-ohra l-intimat qal illi ma meta mar jiccejka l-*iscooter*, ma kien hemm xejn hazin u l-batterija kienet qed tahdem perfettament. Qal ukoll ~~illi~~ jekk kien hemm xi problema fil-batterija dan se~~hh min~~habba *battery misuse.*

Bir-rispett kollu, dan ma giex ippruvat. L-intimat ma jistax ighid illi l-batterija kienet qed tahdem perfettament u fl-istess nifs ighid illi jekk kien hemm xi difett dan kien tort tal-uzu hazin tal-batterija da parti tar-rikorrent Ma gie bl-ebda mod pprivat illi r-r -rikorrent ghamel uzu hazin mill-batterija. Anzi, jidher illi segwa l-istruzzjonijiet tal-manual, anke jekk dawn ma jaqblux ghal kollox ma dak illi xehed l-intimat quddiem dan it-Tribunal.
L-intimat ghamilha cara illi c-cargjar m'ghandux isir meta jkun hemm nofs ic-charge tal-batterija, meta l-*manual* ighid illi dan jista' jsir:

*7. For the best results and to prolong battery life, try to run the battery down by at least 50% before recharging and in addition it is always best to go through a complete charge cycle every time...*

It-Tribunal jinnota wkoll il-kelma 'safely' indikata fil-klawzola 8/9 tal-manual. Din il-kelma mhijiex spjegata imkien pero' mir-ricerka li ghamel dan it-Tribunal fuq l-istess mudell, jidher li dan ifisser li batterija m'ghandha qatt tithalla taqa' kompletament (a battery is not to be run completely flat). It-tifsira tal-kelma 'safely' ma tirruzltax mill-*manual* u ghalhekk difficli tghid x'inhu *'unsafe'*. Pero' nafu mill-*manual* illi '*at least 50%*' hija safe. Dan pero' jikkontrasta mal-parir tal-intimat li ghamilha cara illi batterija m'ghandhiex tigi ccargjata meta' tkun nofsha mohlija u ghandu jistenna sakemm tahli. Kif xehed l-intimat quddiem dan it-Tribunal:

*"Jiccargjah meta jkun empty; jistennew sakemm jahli l-batterija, imbaghad jiccargjah hemm u mhux meta jkun nofs charge". Hafna drabi il-battery ma ddumx il-life-span taghha ghax jiccargjawha meta jkun half way u jiccargjah ta' spiss u ghalhekk ma tkunx taf il-life-span taghha".*

Fil-fehma tat-Tribunal dan il-parir jikkontrasta ma' dak pprovdut fil-manual u jista' jaghti l-kaz allura illi r-rikorrent ha l-parir tal-intimat u stenna sakemm jahli l-batterija, li ma jidhirx illi huwa *'safe use'*. Ghalhekk dan igieghel it-Tribunal jikkonkludi li jekk ir-rikorrent ma ghamilx *safe* jew *proper use* tal-batterija, dan ma kienx tort tieghu.

It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax fuq il-garanzija li toffri s-socjeta intimata, fejn batteriji mhumiex koperti bil-garanzija meta dawn suppost huma koperti b'garanzija ta' sena ghaliex jista' jaghti l-kaz li kemm il-batterija kif ukoll ic-*charger* jafu jkunu difettuzi.

Ghalkemm l-intimat mar jiccekja il-batterjia, ma rrizultax illi huwa tekniku jew li ghandu il- kwalifiki necessarji. Lanqas ma rrizulta li ghamel xi testijiet jew *trouble shooting* fuq il-batterija, meta jezisti apparat fejn dan seta' jsir facilment.

Ghalhekk wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent irnexxielu jpprova l-kaz tieghu biss sa fejn jirrigwarda l-batterija. L-*iscooter* innifsu jidher li m'ghandu xejn u l-problema qieghda biss fil-batterija.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi l-intimat ghandu jipprovdi lir-rikorrent b'batterija gdida bic-*charger* maghha li ghandha tigi ccargjata u imqieghda fil-post mill-istess intimat. Fin-nuqqas, l-intimat irrid ihallas lir-rikorrent somma ekwivalenti ghal prezz *retail* ta' batterija u *charger* gdida. F'liema kaz l-intimat ikun awtorrizat jiehu lura l-batterija u c-*charger* originali. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru